# Postijiet għat-tfal fl-iskejjel tal-Knisja fl-Ewwel Sena Primarja

F'Novembru 2015 saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2016-2017. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw u kemm baqa' postijiet vakanti għall-Ewwel Sena Primarja.

## L-Ewwel Sena Primarja Subien

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena primarja subien huwa ta' tliet mija u tmenin (380) post iżda dan it-total ma jinkludix il-postijiet vakanti fl-iskejjel ta' St Francis għaliex ma kienx għadu magħruf f'liema skola primarja ta' St Francis se jmorru t-tfal li jattendu l-Kindergartens ta' St Francis.

Matul Diċembru l-iskejjel ta' St Francis għamlu dan l-eżerċizzju u qed nippublikaw it-total ta' postijiet vakanti għas-subien f'kull skola primarja ta' St Francis.

| ***Skejjel Primarji ta' St Francis*** | **Postijiet** |
|---|---:|
| *St Francis Birkirkara* | 13 |
| *St Francis Cospicua* | 27 |
| *St Francis Msida* | 15 |
| *Total ta' postijiet vakanti* | 55 |

Meta nżiedu t-total ta' postijiet vakanti fil-primarji ta' St Francis (55) mat-total ta' postijiet vakanti (380) dan jagħti total ġdid ta' erbgħa mija, ħamsa u tletin (435) post vakant.

Għall-ewwel sena primarja subien kellna dan it-total ta' applikanti:

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---:|
| *1b Aħwa* | 96 |
| *1ċ Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 12 |
| *1e Tfal minn skola bla kontinwità* | 64 |
| *Tfal tal-ewwel kriterju li applikaw bħala Każijiet Serji* | 21 |
| *Każijiet Serji Refuġjati* | 7 |
| *Total ta' applikanti tal-ewwel kriterju subien* | **200** |

Meta mit-total ta' postijiet vakanti (435) innaqqsu n-numru ta' postijiet okkupati (200), dan iħalli total ta' mitejn, ħamsa u tletin (235) post vakant.

Għandna żewġ applikazzjonijiet tal-ewwel kriterju għal skejjel li bħalissa ma għandhomx post vakant. Jekk jinħoloq post vakant fl-iskola rilevanti dawn jinkitbu fiha. Għandna wkoll applikazzjoni skont il-kriterju "Eżenzjoni f'każijiet serji ta' żmien barra minn Malta". Dan l-applikant intrefgħalu post fl-iskola li kien għażel u għalhekk ma hemmx għalfejn jitnaqqas post għalih.

Infakkru li jiġu aċċettati xi każijiet serji skont it-tielet kriterju, għalhekk it-total ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos. Ukoll fost l-applikanti oħra jkun hemm aħwa li qed japplikaw għall-istess sena (p.eż tewmin) jew għal snin tad-dħul differenti (Para. 3.1). Meta wieħed minn dawn l-aħwa jirreġistra fi skola, iż-żgħir/a j/tikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

**L-Ewwel Sena Primarja Bniet**

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena primarja bniet huwa ta' mitejn erbgħa u erbgħin (244) post iżda dan it-total ma jinkludix il-postijiet vakanti fl-iskejjel ta' St Francis għaliex ma kienx għadu magħruf f'liema skola primarja ta' St Francis se jmorru t-tfal li jattendu l-Kindergartens ta' St Francis.

Matul Diċembru l-iskejjel ta' St Francis għamlu dan l-eżerċizzju u qed nippublikaw it-total ta' postijiet vakanti għall-bniet f'kull skola primarja ta' St Francis.

| ***Skejjel Primarji ta' St Francis*** | **Postijiet** |
|---|---:|
| *St Francis Birkirkara* | 3 |
| *St Francis Cospicua* | 8 |
| *St Francis Msida* | 0 |
| *Total ta' postijiet vakanti* | 11 |

Meta nżiedu t-total ta' postijiet vakanti fil-primarji ta' St Francis (11) mat-total ta' postijiet vakanti (244) dan jagħti total ġdid ta' mitejn ħamsa u ħamsin (255) post vakant.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2779 0060
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

Għall-ewwel sena primarja bniet kellna dan it-total ta' applikanti:

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1b Aħwa* | 51 |
| *1ċ Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 6 |
| *1e Tfal minn skola bla kontinwità* | 71 |
| *Tfal tal-ewwel kriterju li applikaw bħala Każijiet Serji* | 6 |
| *Każijiet Serji Refuġjati* | 5 |
| *Total ta' applikanti tal-ewwel kriterju bniet* | **139** |

Tmien applikanti, waħda minnhom każ serju, talbu trasferiment bejn skejjel tal-istess kongregazzjoni, Kriterju 1d. Dawn ma tnaqqsux mit-total ta' postijiet vakanti għaliex filwaqt li jokkupaw post fi skola jħallu post vakant fl-iskola fejn jattendu. Għandna wkoll tliet applikazzjonijiet skont il-kriterju "Eżenzjoni f'każijiet serji ta' żmien barra minn Malta". Dawn l-applikanti ntrefgħalhom post fl-iskola li kienu għażlu u għalhekk ma hemmx għalfejn jitnaqqas post għalihom.

Meta mit-total ta' postijiet vakanti (255) innaqqsu n-numru ta' postijiet okkupati (139), dan iħalli total ta' mija u sittax-il post vakant (116).

Infakkru li jiġu aċċettati xi każijiet serji skont it-tielet kriterju, għalhekk it-total ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos. Ukoll fost l-applikanti oħra jkun hemm aħwa li qed japplikaw għall-istess sena (p.eż tewmin) jew għal snin tad-dħul differenti (Para. 3.1). Meta wieħed minn dawn l-aħwa jirreġistra fi skola, iż-żgħir/a j/tikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

## Konklużjoni

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri ta' postijiet vakanti. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.

Il-Bord tad-Dħul Skejjel tal-Knisja
29 ta' Jannar 2016

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2779 0060
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**